C/2024/5456

11.9.2024

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni tal-approvazzjoni ta' emenda standard ta' Speċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(C/2024/5456)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

"Ribeira Sacra"

PDO-ES-A1128-AM04

Data tal-komunikazzjoni: 17 ta' Ġunju 2024

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U R-RAĠUNIJIET GĦALIHA

1. BIDLIET FIL-LIMITI TAL-PARAMETRI ANALITIĊI

Deskrizzjoni:

— l-aċidità totali minima tonqos minn 4,5 għal 4 grammi ta' aċidu tartariku għal kull litru, għat-tipi kollha ta' nbid.

— l-aċidità volatili massima tiżdied: minn 0,70 għal 0,80 grammi ta' aċidu aċetiku għal kull litru għall-inbejjed ħomor mhux imqaddmin; minn 1,00 għal 1,20 grammi ta' aċidu aċetiku għal kull litru għall-inbejjed ħomor imqaddmin (Barrica u Garda); u minn 1,00 għall 1,08 grammi ta' aċidu aċetiku għal kull litru għall-inbejjed bojod imqaddmin.

— il-limitu massimu għall-kubrit jiżdied: minn 120 għal 150 milligramma għal kull litru għall-inbejjed ħomor mhux imqaddmin u minn 140 għal 150 milligramma għal kull litru għall-inbejjed ħomor imqaddmin (Barrica u Garda); minn 120 għal 200 milligramma għal kull litru għall-inbejjed rożè; u minn 160 għal 200 milligramma għal kull litru għall-inbejjed bojod kollha, kemm dawk mhux imqaddmin kif ukoll dawk imqaddmin (Barrica u Garda).

Din l-emenda taffettwa l-punt 2.a tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u l-punt 4 tad-Dokument Uniku.

Din hija emenda standard minħabba li ma tikkostitwixxi l-ebda waħda mill-bidliet stabbiliti fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143 dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

Raġuni

Il-bidliet huma ġġustifikati mill-ħtieġa li l-valuri tal-parametri analitiċi tal-inbejjed jiġu adattati għas-sitwazzjoni attwali, peress li dawn il-valuri baqgħu prattikament l-istess għal kważi t-30 sena kollha li din id-denominazzjoni ta' oriġini ilha teżisti.

Kien hemm xejra ċara, marbuta mat-tibdil fil-klima, tal-produzzjoni ta' nbejjed b'qawwa alkoħolika ogħla, li wasslet għal bidliet f'parametri analitiċi oħra, b'mod partikolari l-aċidità totali u l-aċidità volatili.

Irridu wkoll inqisu l-bidliet fil-mod kif jiġu prodotti l-inbejjed. Qegħdin isiru nbejjed li, għalkemm ma humiex imqaddmin, qegħdin iqattgħu aktar u aktar żmien fil-btieti, anke minn sena għall-oħra, meta mqabbla ma' qabel, meta l-inbejjed ġeneralment ftit kienu jqattgħu żmien fil-btieti. Għalhekk jeħtieġ li nżidu l-aċidità volatili u nnaqqsu l-aċidità totali, u li nżidu l-valuri tad-diossidu tal-kubrit biex nevitaw aċidità volatili eċċessiva.

2. AGĠORNAMENT TA' XI REFERENZI LEĠIŻLATTIVI

Deskrizzjoni:

— Fir-rigward tal-kontenut totali taz-zokkor, ir-referenza għar-Regolament (KE) Nru 607/2009 tinbidel għall-verżjoni attwalment fis-seħħ li ssostitwixxietu, ir-Regolament (UE) 2019/33.

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

— Ir-referenza għall-Att 2/2005, tat-18 ta' Frar 2005, dwar il-promozzjoni u d-difiża tal-kwalità tal-ikel tal-Galicia, tinbidel għall-verżjoni attwalment fis-seħħ li ssostitwixxietu, l-Att 1/2024, tal-11 ta' Jannar 2024, dwar il-kwalità tal-ikel tal-Galicia. Ir-referenza għad-delega tal-kontrolli hija adattata kif xieraq, abbażi ta' leġiżlazzjoni aktar ġdida.

Din l-emenda tikkonċerna l-punti 2 u 9 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u ma taffettwax id-Dokument Uniku.

Din hija emenda standard minħabba li ma tikkostitwixxi l-ebda waħda mill-bidliet stabbiliti fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143 dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

Raġuni:

L-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott hija emendata biex jiġu aġġornati ċerti referenzi leġiżlattivi. Din ma tinvolvi l-ebda bidla sostantiva.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/Ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Ribeira Sacra

2. **Tip ta' Indikazzjoni Ġeografika**

DOP – Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

3.1. *Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda*

— 22 – XARBIET, SPIRTI U ĦALL

2204 – Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

1. INBID AĦMAR: Ribeira Sacra ħomor bl-indikazzjoni "Súmmum" u Ribeira Sacra ħomor

DESKRIZZJONI QASIRA

Ir-Ribeira Sacra ħomor bl-indikazzjoni "Súmmum":

— Dehra: ċara u tgħajjat; intensità tal-kulur minn medja sa għolja; kulur aħmar lewn iċ-ċirasa li jagħti għal aħmar fil-vjola.

— Aroma: irwejjaħ ta' frott ta' bakek ħomor (frott tal-foresta) jew ta' frott tal-għadma aħmar (mill-inqas waħda minn dawn il-kategoriji).

— Togħma: espressiva; bakek ħomor jew frott tal-għadma aħmar (aromi minn tal-inqas waħda minn dawn il-kategoriji); alkoħol, aċidità u astringenza bilanċjati; togħma li ddum fil-ħalq.

Ir-Ribeira Sacra ħomor: — Dehra: ċara u tgħajjat; intensità tal-kulur minn medja sa għolja; kulur aħmar lewn iċ-ċirasa li jagħti għal aħmar fil-vjola. — Aroma: irwejjaħ ta' frott ta' bakek ħomor (frott tal-foresta) jew ta' frott tal-għadma aħmar (mill-inqas waħda minn dawn il-kategoriji). — Togħma: espressiva; bakek ħomor jew frott tal-għadma aħmar (aromi minn tal-inqas waħda minn dawn il-kategoriji); alkoħol, aċidità u astringenza bilanċjati; togħma li ddum fil-ħalq.

* Għall-valuri kollha mhux mogħtija hawn taħt, l-inbejjed iridu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni attwali.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum) —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum) 11

— Aċidità totali minima 4 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru) 13,33

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru) 150

2. INBID ABJAD: Ribeira Sacra bojod bl-indikazzjoni "Súmmum"

DESKRIZZJONI QASIRA

— Dehra: ċara u tgħajjat; minn pallida għal lewn id-deheb.

— Aroma: espressiva, irwejjaħ ta' frott tal-ġonna (tuffieħ, lanġas u frott tal-għadma ta' polpa bajda) — Togħma: espressiva; aromi ta' frott tal-ġonna; alkoħol u aċidità bilanċjati; togħma li ddum fil-ħalq.

* Għall-valuri kollha mhux mogħtija hawn taħt, l-inbejjed iridu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni attwali.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum) —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum) 11

— Aċidità totali minima 4 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru) 11,67

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru) 200

3. INBID AĦMAR: Ribeira Sacra ħomor bl-indikazzjoni "Súmmum Barrica" u Ribeira Sacra ħomor bl-indikazzjoni "Súmmum Garda"

DESKRIZZJONI QASIRA

L-inbejjed, minbarra li jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' hawn fuq għal kull tip ta' nbid, biex jiġu kkummerċjalizzati bħala Barrica ("bettija"), irid ikollhom ukoll il-karatteristiċi li ġejjin:

— Aroma: ta' ħwawar, injam jew ballut (aromi minn mill-inqas waħda minn dawn il-kategoriji).

— Togħma: ta' ħwawar, injam jew ballut (aromi minn mill-inqas waħda minn dawn il-kategoriji).

* Għall-valuri kollha mhux mogħtija hawn taħt, l-inbejjed iridu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni attwali.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum) —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum) 12

— Aċidità totali minima 4 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru) 20

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru) 150

4. INBID ABJAD: Ribeira Sacra Barrica Bojod u Ribeira Sacra Garda Bojod

DESKRIZZJONI QASIRA

L-inbejjed, minbarra li jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' hawn fuq għal kull tip ta' nbid, biex jiġu kkummerċjalizzati bħala Barrica ("bettija"), irid ikollhom ukoll il-karatteristiċi li ġejjin:

— Aroma: ta' ħwawar, injam jew ballut (aromi minn mill-inqas waħda minn dawn il-kategoriji).

— Togħma: ta' ħwawar, injam jew ballut (aromi minn mill-inqas waħda minn dawn il-kategoriji).

* Għall-valuri kollha mhux mogħtija hawn taħt, l-inbejjed iridu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni attwali.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum) —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum) 12

— Aċidità totali minima 4 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru) 18

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru) 200

5. INBID ROŻÈ: Ribeira Sacra Rożè bl-indikazzjoni "Súmmum"

DESKRIZZJONI QASIRA

— Dehra: ċara u tgħajjat; intensità tal-kulur minn baxxa sa medja; kulur roża ċar li jagħti għal aħmar lewn iċ-ċirasa.

— Aroma: irwejjaħ ta' frott tal-foresta jew ta' frott tal-għadma aħmar (mill-inqas waħda minn dawn il-kategoriji).

— Togħma: espressiva; frott tal-foresta jew frott tal-għadma aħmar (aromi minn mill-inqas waħda minn dawn il-kategoriji); alkoħol u aċidità bilanċjati; togħma li ddum fil-ħalq.

* Għall-valuri kollha mhux mogħtija hawn taħt, l-inbejjed iridu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni attwali.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum) —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum) 11

— Aċidità totali minima 4 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru) 11,67

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru) 200

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew biex isiru l-inbejjed, u r-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-produzzjoni tagħhom*

1. Prattika enoloġika speċifika

— Ir-rendiment ma jridx ikun aktar minn 69 litru ta' nbid għal kull 100 kg ta' għeneb, u 40 litru ta' nbid għal kull 100 kg ta' għeneb fil-każ tal-inbejjed rożè. — Biex jintuża t-terminu Barrica, jeħtieġ li l-inbejjed ikunu tqaddmu fi btieti tal-injam, filwaqt li jiġu rrispettati r-rekwiżiti li ġejjin fir-rigward tal-perjodi minimi ta' tqaddim u l-volumi massimi:

— Ħomor: minimu ta' 6 xhur fi btieti li jesgħu sa massimu ta' 500 l;

— Bojod: minimu ta' 3 xhur fi btieti li jesgħu sa massimu ta' 600 l.

— Biex jintuża t-terminu Garda [b'referenza għall-inbejjed li "jinżammu" jew "jinħażnu"], l-inbejjed jeħtieġ li jkunu tħallew jimmaturaw għal mill-inqas 7 xhur fil-każ tal-ħomor u 4 xhur fil-każ tal-bojod fi btieti magħmulin mill-injam, mill-konkrit jew minn materjali oħra awtorizzati skont il-liġi tal-ikel, bl-eċċezzjoni tal-azzar u l-poliester, li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-volum li ġejjin:

— Għall-ħomor:

— btieti tal-injam li jesgħu bejn 225 l u 10 000 l;

— btieti magħmula mill-konkrit jew materjali oħra li jesgħu sa 5 000 l.

— Għall-bojod:

— btieti tal-injam li jesgħu bejn 225 l u 8 000 l;

— btieti magħmula mill-konkrit jew materjali oħra li jesgħu sa 5 000 l.

2. Restrizzjoni fir-rigward tal-produzzjoni tal-inbid

— Il-varjetajiet tal-għeneb aħmar Mencía, Brancellao, Merenzao, Sousón, Caíño Tinto, Caíño Longo u Caíño Bravo u l-varjetajiet tal-għeneb abjad Godello, Loureira, Treixadura, Dona Branca, Albariño, Torrontés, Branco Lexítimo u Caíño Blanco huma meqjusa bħala l-varjetajiet preferuti jew ewlenin, u jridu jirrappreżentaw mill-inqas 85 % tal-kompożizzjoni tal-inbejjed bl-indikazzjoni "Súmmum". L-inbejjed ħomor li ma jiġux introdotti fis-suq bl-indikazzjoni "Súmmum" iridu jkunu mill-inqas 70 % Mencía.

— Mhux permess l-użu ta' preses kontinwi jew ta' preses ċentrifugi ta' veloċità għolja.

— Mhix permessa t-termovinifikazzjoni — it-tisħin minn qabel tal-għeneb jew it-tisħin tal-most jew tal-inbid li fih il-karfa tkun għadha preżenti biex jiġi estratt il-kulur.

— Meta jiġu prodotti l-inbejjed rożè Ribeira Sacra, il-perjodu ta' kuntatt mal-qoxra ma jistax jaqbeż it-48 siegħa.

— Il-laqx tal-ballut ma jistax jintuża waqt il-produzzjoni tal-inbid jew fi proċessi sussegwenti.

3. Prattika tal-kultivazzjoni

— L-għeneb irid jinqata' b'attenzjoni kbira u jinġabar bl-idejn f'ċestuni awtorizzati mill-Bord Regolatorju. Irid jintuża biss għeneb tajjeb u misjur biżżejjed biex jiġu prodotti l-inbejjed protetti.

5.2. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

1. Varjetajiet ta' għeneb aħmar

9 500 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

2. Varjetajiet ta' għeneb aħmar

65,55 ettolitru għal kull ettaru

3. Varjetajiet ta' għeneb abjad

12 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

4. Varjetajiet ta' għeneb abjad

82,80 ettolitru għal kull ettaru

6. **Definizzjoni taż-żona demarkata**

Iż-żona demarkata hija magħmula minn ħames subżoni li jkopru partijiet mill-muniċipalitajiet li ġejjin:

— Is-subżona ta' Amandi: Sober u Monforte de Lemos;

— Is-subżona ta' Chantada: Portomarín, Taboada, Chantada, Carballedo u A Peroxa;

— Is-subżona ta' Quiroga-Bibei: Monforte de Lemos, A Pobra de Brollón, Quiroga, Ribas de Sil, a Pobra de Trives, Manzaneda u San Xoán de Río;

— Is-subżona ta' Ribeiras do Miño: Paradela, O Saviñao, Pantón, Sober u Monforte de Lemos;

— Is-subżona ta' Ribeiras do Sil: A Teixeira, Parada do Sil, Castro Caldelas u Nogueira de Ramuín.

Dawn il-muniċipalitajiet huma mifruxa fil-provinċji ta' Lugo u Ourense fil-Komunità Awtonoma tal-Galicia.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed**

ALBARIN BLANCO - BRANCO LEXITIMO

ALBARIÑO

BRANCELLAO

CAÍÑO BLANCO

CAÍÑO BRAVO

CAÍÑO LONGO

CAÍÑO TINTO

DOÑA BLANCA - DONA BRANCA

GARNACHA TINTORERA

GODELLO

GRAN NEGRO

JUAN GARCÍA - MOURATÓN

LOUREIRA - LOUREIRO BLANCO

MENCÍA

MERENZAO

SOUSÓN

TEMPRANILLO

TORRONTÉS

TREIXADURA

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

Il-karatteristika ewlenija ta' dawn l-inbejjed hija l-prattika tat-tkabbir tad-dwieli magħrufa bħala *viticultura heroica* (vitikultura eroika), li fiha d-dwieli jitkabbru fuq għoljiet imtarrġa wieqfa li jiffurmaw pajsaġġ antropoġeniku impressjonanti. Din il-formazzjoni tal-pajsaġġ tfisser li hemm ħafna mikroklimi. Għalhekk, l-għażla tal-altitudni u l-orjentazzjoni tad-dwieli hija fattur kruċjali biex jiġi żgurat li l-għeneb isir kif suppost. Barra minn hekk, l-għeneb użat jikkonsisti prinċipalment minn varjetajiet li huma nattivi għaż-żona. Dawn intgħażlu mill-produtturi tal-inbid matul is-sekli u adattaw għall-klima u l-ħamrija lokali. Iż-żona tipproduċi l-aktar inbejjed ħomor, bl-aktar varjetà prominenti tkun il-Mencía. L-inbejjed fihom togħma ta' frott, b'kulur aħmar lewn iċ-ċirasa u aċidità bilanċjata.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Deroga fuq il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

Iż-żona tal-produzzjoni hija magħmula prinċipalment minn għoljiet weqfin, li jagħmluha diffiċli li jinbnew fabbriki tal-inbid. L-inbejjed jistgħu għalhekk isiru f'fabbriki tal-inbid mibnija fuq art li tinsab f'ċerti parroċċi ħdejn iż-żona tal-produzzjoni, fis-subżoni u l-muniċipalitajiet li ġejjin:

Amandi: Sober;

Chantada: Carballedo, A Peroxa, Portomarín, Taboada u Chantada;

Ribeiras do Miño: Pantón u O Saviñao;

Ribeiras do Sil: A Teixeira u Castro Caldelas.

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

L-imballaġġ fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

L-inbejjed iridu jitqiegħdu fl-imballaġġ fil-post tal-produzzjoni. It-trasport u l-ibbottiljar tal-inbid barra miż-żona tal-produzzjoni tal-inbid jistgħu jipperikolaw il-kwalità, peress li l-inbid jista' jkun espost għall-ossidazzjoni u għar-riduzzjoni, għal varjazzjonijiet fit-temperatura u għal influwenzi oħra. Aktar ma l-inbid jivvjaġġa, aktar ikun kbir ir-riskju. L-ibbottiljar fiż-żona tal-oriġini jippermetti li jinżammu l-karatteristiċi u l-kwalità tal-prodott.

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

Il-karattri użati biex jindikaw l-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini jridu jkunu mill-inqas 4 mm twal. L-isem tas-subżona u tal-varjetà għandhom jiġu indikati bl-użu ta' karattri li ma jaqbżux nofs l-għoli ta' dawk użati għall-isem tad-DOP.

L-użu tat-trademark huwa obbligatorju. Jekk l-inbejjed jiġu ttikkettati bi trademarks li jintużaw ukoll għal denominazzjonijiet ta' oriġini oħrajn, l-isem Ribeira Sacra jrid ikun fl-istess parti viżiva bħat-trademark u tal-inqas tliet darbiet akbar minnha. L-isem Ribeira Sacra jrid jidher ukoll fuq l-istess sfond u bl-istess stil ta' kitba bħal dik tat-trademark.

Tikketta sekondarja numerata, li tinkludi l-logo tad-denominazzjoni ta' oriġini, għandha titwaħħal mal-fliexken kollha.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://agacal.xunta.gal/sites/default/files/calidade-alimentaria/vinos/PC-Ribeira-Sacra-mayo-2024_ES.pdf